**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u hamsa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Hamis 29 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta, *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht),* ***Chartered Marketer*** | Kunsillier |

Il-Vici Sindku Christian Sammut talab li jkun skuzat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

Is-Sindku spjega li l-laqgha tal-lum hija laqgha dwar kif din is-sena se nahdmu u norganizzaw il-Festival tac-Cikkulata. Is-Sindku nfurma lill-membri li kellu laqgha ma' Transport Malta dwar din l-attivita', fejn iltqajna ma' bosta diffikultajiet izda bi ftit rieda tajba min-naha ta' kulhadd, wasalna.

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex taghti spjega tar-rotta li se tintuza ghall-immaniggjar tat-traffiku, hekk kif diskussa mal-Pulizija tad-Distrett.

Il-Kunsillier Mario Caruana gibed l-attenzjoni li din mhux il-festa' ta' San Gejtanu u l-Kunsill ma' jridx jinsa li anke l-Hamrunizi jitfixklu fit-toroq tal-Hamrun.

Is-Sindku spjega li ghandu jkun xoghol il-Pulizija li jimmaniggjaw it-traffiku bl-ahjar mod possibli.

Il-Kunsillier Mario Caruana staqsa jekk il-parkegg tal-Kunsill hux se jkun qed jintuza u kif se jigi ddevjat it-traffiku, fejn huwa mportanti li jsir *clearance* fi Triq San Gejtanu.

Is-Sindku spjega li l-parkegg se jintuza u se jkun hemm fixed point ta' Pulizija sabiex jiddevja t-traffiku, hekk kif miftihem mal-Pulizija.

Il-Kunsillier Carmen Borg, infurmat lill-membri li l-Hobbies Society mhux se jippartecipaw galadarba r-rotta se tibqa' kif inhi. Is-Sindku staqsa jekk il-Hobbies Society ikkonfermatx jew le, lill-ufficcju b'din id-decizjoni. Il-Kunsillier Borg fissret li s-sena li ghaddiet il-Hobbies Society lanqas dawl fit-triq ma kellhom u ghaldaqstant in-nies ma bdietx tmur in-naha taghhom.

Is-Sindku talab li l-Hobbies Society jinfurmaw lill-Kunsill bid-decizjoni finali taghhom, bil-miktub.

Is-Sindku fisser li jekk isiru sinjali direzzjonali minn Triq Villambrosa, n-nies se jkunu nfurmati bil-Wirja xorta wahda.

Il-Kunsillier Mario Caruana fisser li matul zewg laqghat ilu, l-Kunsill kien iddecieda li din l-attivita' kellha tigi estiza sa Triq Dun Nerik Cordina Perez. Il-Kunsillier Caruana qal li hu mhux kontra li din l-attivita' tinzamm fi Triq il-Kbira San Guzepp, izda jhoss li din hija sfida kbira.

Is-Sindku fisser li kien ilu jisma' suggerimenti u talbiet sabiex din it-triq tintuza ghal dan il-festival.

Barra minhekk is-Sindku ssuggerixxa li galadarba l-Hobbies Society tikkonferma l-pozizzjoni taghha, jigi suggeriet li tintuza Triq Dun Nerik Cordina Perez u mhux fi Triq id-Duluri.

Ghaldaqstant is-Sindku talab lill-Kunsillier Carmen Borg titlob lill-Kumitat tal-Hobbies Society jghaddulna d-decizjoni finali taghhom mill-aktar fis.

Is-Sindku nfurma lill-membri li hu tkellem ma' kumpanija kbira sabiex taghti sponsor lil dan il-festival, izda Benna se tkun il-Main Sponsor.

Il-Kunsillier Cedric Valletta dahal ghal-laqgha fil-5.45p.m.

Il-Kunsillier Mario Caruana staqsa kif se tkun il-partecipazzjoni tal-ghaqdiet f'dan il-festival.

Is-Sindku nfurma lill-membri li nistenni jiltaqa' mar-rapprezentanti tal-ghaqdiet u jiddiskuti l-partecipazzjoni taghhom aktar tard matul il-gimgha.

Il-Kunsillier Mario Caruana ssuggerixxa li kull ghaqda neccedulhom li jarmaw 4 imwejjed quddiem is-sede taghhom minghajr hlas. Barra minhekk ikun importanti li l-Kunsill jidentifika zona ghal dawk l-ghaqdiet li m'ghandhomx is-sede taghhom fi Triq il-Kbira San Guzepp.

Il-Kunsillier Carmen Borg sahqet li l-Kumitat tal-V18 qed jaghmel enfazi li ma jkunx hemm ikel ta' take-away bhal burgers, hot dogs, chips ecc.

Is-Sindku ta spjega lill-Kunsillier Valletta u nfurmah li l-Hobbies Society ma jridux jippartecipaw ghax se jkun maqtughin minn Triq il-Kbira San Guzepp. Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li l-istands tal-Artiggjanat jistghu jarmaw fi Triq Villambrosa ghal Triq id-Duluri.

Is-Sindku talab lil membri jissospendu din il-kwistjoni sakemm jasal il-ko-ordinatur tal-attivita', s-Sur Mario Camilleri.

Hwejjeg ta' Natura Urgenti

a) **Wifi fi Pjazza San Pawl**

Is-Sindku nfurma lill-membri bil-korrispondenza li rcieva mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Wifi fi Pjazza San Pawl u talab lill-kunsilliera sabiex jaghtu s-suggerimenti taghhom.

Il-Kunsillier Cedric Valletta infurma lill-membri li haseb hafna dwar din il-kwistjoni u kif graw l-affarijiet mal-hazin wehel it-tajjeb. Il-Kunsillier Valletta spjega li l-gimgha ta' qabel kien jinsab imsiefer u waqt li kien Pisa ltaqa' ma' sistema nteressanti tal-WIFI fejn meta tidhol biex tuza l-internet, is-sistema tobbligak tirregistra u tibghatlek password.

Il-Kunsillier Cedric Valletta rega' tenna li huwa mportanti li l-Hamrun jsir WIFI Zone kollu.

Is-Sindku nfurma lis-Sur Valletta, li s-sistema tal-Wifi qed tohloq bosta diffikultajiet, anke fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill Lokali. Fil-fatt, bhalma jafu l-membri, l-Pjazza qed tkun il-mira ta' atti vandali, fejn ghandna grupp ta' tfal u Zghazagh li d-delizzju taghhom huwa li jinfexxu jkissru u jfarrku kulma jsibu. Dan kollu minkejja l-fatt li l-Pulizija ilhom jigu nfurmati u n-nuqqas ta' koperazzjoni mir-residenti li ma jridux jikkoperaw u jirrapurtaw dawn l-abbuzi.

b) **Bankina fi Triq Kappillan Mifsud**

Is-Sindku semma' s-sitwazzjoni ta' LIDL fejn minkejja li ltqajna mal-Avukat u wiehed mid-Diretturi izda baqa' ma sar xejn. Ta' min isemmi li dawn kienu urtaw rwiehom ghax il-Kunsill kiteb bl-Avukat. Il-Kusnillier Cedric Valletta staqsa min hu responsabbli ghal din il-bankina jekk hux LIDL jew jekk hux il-Kunsill, ghaliex jekk il-Kunsill huwa responsabbli jmissu jkellem lill-Perit u johrog rapport, isir rapport mill-Avukat tal-Kunsill u tittiehed azzjoni mmedjata u ssir il-manutenzjoni mehtiega mill-Kunsill.

c) **Hamrun Business Forum**

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li l-gimgha d-diehla ssir laqgha mas-sidien tal-Hwienet tal-Hamrun.

d) Attivita' mal-Ghaqda Poeti Maltin

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li ltaqghet mal-Ghaqda Poeti Maltin u ddiskutew programm ghall-attivita' matul il-gimgha ta' Jum il-Hamrun 2015. Gie propost li din l-attivita' tinzamm nhar it-22 ta' Mejju 2015 fil-Pjazza tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Mario Caruana u Cedric Valletta ssekondaw din l-attivita'.

Is-Sindku nfurma lill-kunsillier Carmen Borg sabiex din l-attivita' terga' titressaq ghall-attenzjoni tal-membri fil-laqgha li jmiss.

Festival tac-Cikkulata…kontinwazzjoni.

Is-Sindku stieden lis-Sur Mario Camilleri jidhol fid-diskussjoni. Is-Sur Mario Camilleri fisser li qabel ikollu risposta minghand is-sidien tal-Hwienet, min se jiftah u min le, ma jistax jghid kemm se jkollu spazju ghall-armar.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuggerixxa li l-istands jintramaw f'nofs ta' triq.

Is-Sur Mario Camilleri fisser li logistikament ma tistax tinhadem. Ta' min jinnota li jekk jintramaw l-istalls f'nofs ta' triq, se jigu nvoluti hafna spejjez minhabba r-rampi tal-plastic li jintuzaw sabiex jitghattew il-wires. Dan minbarra li l-istalls fis-snin l-imghoddija kienu jiehdu medja ta' seba' sieghat sabiex jintramaw. Barra minhekk il-wooden gazebos ma jmorrux f'nofs ta' triq.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ppropona li l-istalls jintramaw quddiem il-hwienet li hemm maghluqin. Il-Kunsillier Valletta fisser li tal-hwienet mhxu se jgergru ghal wooden gazebos, izda jgergru ghal dawk l-istalls li jkunu armati bit-tined.

Mario Camilleri fisser li hu l-aktar li se juza huwa l-ispazju fi Pjazza San Pawl u parti minn Triq il-Kbira San Guzepp.

Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li l-membri Mario Caruana u Carmen Borg mhux jaqblu li din l-attivita' tinzamm fi Triq il-Kbira San Guzepp.

Il-Kunsillier Mario Caruana gibed l-attenzjoni tas-Sur Camilleri dwar il-fatt li m'ghandux jerga' jirrepeti l-izball li jkunu miftehim li se jarmaw f'post u fl-ahhar hin jispiccaw jarmaw mod iehor.

Is-Sur Mario Camilleri nfurma lill-membri li s-sena li ghaddiet inqata' d-dawl ghaliex kien hemm stalls li ramaw aktar dawl minn dak indikat fl-applikazzjoni.

Is-Sindku propona li l-Kunsill johrog permessi ghall-imwejjed u siggijiet minn hwienet, bars u restoranti li ghandna fi Triq il-Kbira San Guzepp, ghal din l-attivita'.

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li fl-ittra li se tintbaghat lil hwienet, l-Kunsill jiktbu b'ittri skuri u kbar li huwa ferm importanti li jghidulna min se jibqa' miftuh u min se jarma barra.

Importanti li l-ghaqdiet jarmaw bl-imwejjed u siggijiet filwaqt li l-Bars ma johorgux drinks barra.

Minhabba kwistjoni li nqalghet b'mod urgenti s-Sindku talab li l-laqgha tigi sospiza bi 15-il minuta.

Il-laqgha tkompliet bl-intervent tas-Sur Mario Camilleri, fejn is-Sur Camilleri spjega li palks zghar ma jistghux isir minhabba l-fatt li l-ucuh huma problema. Il-Kunsillier Cedric Valletta ppropona li l-ucuh isiru mill-haddiema tal-IPSL li l-Kunsill ghandu assenjat mieghu.

Is-Sur Mario Camilleri nfurma lill-membri li ghal din l-attivita' jehtieg PA System.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Camilleri kemm tigi tiswa 4 Piece Band b'kantanta. Is-Sur Camilleri nfurma lill-membri li mill-esperjenza tieghu, band ta' dan it-tip tigi tiswa madwar € 200.

Gew diskussi l-punti mressqa mill-Kunsillier Cedric Valletta

Is-Sur Camilleri ghamel enfazi li huwa mportanti li l-Kunsill isib post fejn jistorja l-gazebos.

Punt 3*; "Se nitkellmu mal-Kuntrattur tad-dawl sabiex naraw kemm tigi l-ispiza li Triq il-kbira San Guzepp tizzejjen b'festuni tad-dawl. Gie suggeriet li nkellmu lil Noel Borg, l-kuntrattur responsabbli mill-armar tad-dawl, matul iz-zmien tal-Milied. Jekk nara li l-ispiza teccedi l-ammont mitlub mil-ligi, nohrog sejha ghal kwotazzjoni. jew liberty for quote."* - Gie maqbul li nkellmu lil ITC u Liberty ukoll ghal stima

Punt 4 - *Nitkellmu mal-Ministeru ta' Chris Cardona sabiex ikollna verifika dwar dawk il-hwienet li jixtiequ jippartecipaw, biex jibqghu miftuhin wara s-7p.m.* - Ghal da nil-punt il-membri qablu li jkollhom verifika minghand il-hwienet min se jibqa' miftuh ghal din l-attivita'.

Punt 6 - *Il-Kunsill ghandu jkellem lit-tlett baned tal-lokalita sabiex nevalwaw il-possibilta' li jippartecipaw bi brass/string band u jaghtu kuncert b'muzika allegra u kontemporanja quddiem il-kazini rispettivi taghhom. Galadarba l-Banda Kuncizzjoni mhux se tkun quddiem il-kazin taghha, gie suggeriet li dawn jinghataw spazju fi Pjazza San Pawl. jien tal idea li mhux marci* – Gie diskuss u maqbul li l-Kunsill jitlob li s-servizz ta' banda jinghata b'xejn u l-kazini jibqghu miftuhin ghall-okkazjoni.

Barra minhekk gew diskussi l-possibiltajiet li jiddahhlu Kazinska, Scouts Group, Ghannejja, Vjolinisti fil-programm ta' animazzjoni.

Punt 12 - *Gie maqbul ukoll li galadarba l-ghaqdiet jinghataw promimenza u spazji tajbin f'din l-attivita', ghandna nkellmu lill-kummissjonijiet taz-zghazagh u naraw x'jistghu joffrulna li jarmaw fit-toroq fejn se jigi organizzat il-festival.*- Ghal da nil-ghan il-Kunsill ghandu jkellem lill-Ghaqda Armar San Gejtanu sabiex jarmaw bil-pavaljuni u bandalori.

Punt 13 - *Se tigi organizzata Kompetizzjoni tal-Kejkijiet tac-Cikkulata.* – Il-Kunsillier Carmen Borg ikkonfermat li mhux se ssir din il-kompetizzjoni.

Kids area – Is-Sindku ppropona li l-Kids area tinzamm fi Triq Dun Nerik Cordina Perez. Is-Sur Mario Camilleri nfurma lill-membri li l-Bouncing Castle fih 10 metri u ghaldaqstant m'hemmx fejn joqghod.

Punt 16: *Reklamar u Marketing tal-Attivita; La jkolli l-poster finali, se nghaddilkom kopja tieghu ghall-approvazzjoni. Se naghmlu flyers bil-poster u fuq wara tieghu l-program tal-attivita' u jitqassmu fir-residenzi kollha tal-1 Distrett* – Is-Sur Camilleri issuggerixxa li jsir reklamar fuq mezzi online bhal inewsmalta, maltarightnow, timesofmalta, kif ukoll fuq radios, bhal Radio 101, One Radio u Radio Calypso kif ukoll issir ftit pubblicita' fuq xi programme televizivi wkoll. Ir-reklamar ghandu jibda' gimgha qabel l-attivita' ghaliex tant hemm attivitajiet f'daqqa li nkella jintilef.

Gie maqbul li bhal kull sena, jitqabbad is-Sur Manwel Chircop sabiex jaghmel voice over advert.

*Punt 18 'nistghu nitolbu lir residenti sabiex jarmaw il gallariji'* – Il-membri qablu li tista' ssir kompetizzjoni u jizzejnu l-gallariji bil-pjanti.

Punt 20 - *importanti li jkun hem bins kif suppost u tindif jsir wara ezatt kif jispicca kollox.* – Gie maqbul li ghal dan is-servizz nistghu nistaqsu l-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jaghtihom b'xejn.

*Punt 21 u 22 - jista jsir stand u area ta diskussjoni fejn nies mil qasam ta tisjir jitkellmu kif jistghu jsajjru bic cikkulata b tema ta sahha wkoll?? U Chocolate tasting lounge – area fejn student mill its jistghu jaghlmu lin nies it tipi differenti ta cikkulata u l beneficcji taghhom.* – Is-Sindku ppropona li dawn il-punt jitressqu ghall-attenzjoni tas-Sur Andrew Farrugia.

Il-Kunsillier Carmen Borg ppproponiet li l-Kunsill javvicina lis-Sur Arthur Azzopardi u jaghti demonstration fil-hanut tieghu kif issir ic-cikkulata tradizzjonali.

### 3. Aġġornament.

Il-laqgha giet aggornata.

Il-laqgha ntemmet fis-8.15p.m.

____________________

Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________

Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________

DATA